II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1482

tas-17 a' Awwissu 2017

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 861/2013 li jimponi dazju kompensatorju definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja, fir-rigward tal-kodiċijiet TARIC tal-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku")

Billi:

(1) L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 861/2013, [2] kif ikkoreġut permezz ta' Rettifika rigward id-denominazzjoni ta' żewġ kumpaniji [3], jistabbilixxi l-lista ta' produtturi esportaturi Indjani mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw.

(2) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/220 [4] li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1106/2013 [5] li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja, il-kodiċijiet addizzjonali TARIC mogħtija bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 861/2013 ma għadhomx korretti għal xi kumpaniji li huma elenkati f'dak l-Anness. Dan minħabba li l-kodiċijiet addizzjonali TARIC speċifiċi issa jenħtieġ li jaqblu ma' dawk tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/220.

(3) Għalhekk, l-anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 861/2013 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(4) Id-dispożizzjonijiet ikkorreġuti jenħtieġ li japplikaw mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/220,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 861/2013 li telenka l-kodiċijiet TARIC ta' produtturi esportaturi Indjani mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw ġiet kkoreġuta skont it-tabella li ġejja:

"Isem il-kumpanija	Belt	Kodiċi addizzjonali TARIC
Bekaert Mukand Wire Industries	Lonand, Tal. Khandala, Satara District, Maharastra	C189
Bhansali Bright Bars Pvt. Ltd	Mumbai, Maharashtra	C190

[1] ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
[2] ĠU L 240, 7.9.2013, p. 1.
[3] ĠU L 251, 26.9.2015, p. 17.
[4] ĠU L 34, 9.2.2017, p. 21.
[5] ĠU L 298, 8.11.2013, p. 1.

Isem il-kumpanija	Belt	Kodiċi addizzjonali TARIC
Bhansali Stainless Wire	Mumbai, Maharashtra	C191
Chandan Steel	Mumbai, Maharashtra	C192
Drawmet Wires	Bhiwadi, Rajastan	C193
Garg Inox	Bahadurgarh, Haryana and Pune, Maharashtra	B931
Jyoti Steel Industries Ltd	Mumbai, Maharashtra	C194
Macro Bars and Wires	Mumbai, Maharashtra	B932
Mukand Ltd	Thane	C195
Nevatia Steel & Alloys	Mumbai, Maharashtra	B933
Panchmahal Steel Ltd	Dist. Panchmahals, Gujarat	C196”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, l-Artikolu 1 għandu japplika mill-10 ta' Frar 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER